**Nar jikwi**

Qlub maqsuma jokorbu
Lejl u nhar ma jafux kif,
Ilkoll mifluġa b'gidba
Li tahom ħsieb daqshekk kattiv.

Li għalaqhom ġo morsa
Siekta le ma ħallihomx,
Ġagħalhom jemmnuha l-gidba
Tant li ma tissodisfahomx.

Daqshekk indifferenza
Tkun biżżejjed tbissima,
Li timla qalb imweġġgħa
Ma tħallihiex iltima.

Tgħanniqa tant sabiħa
Tgħaddi l-isbaħ sentiment,
Hi umli u sempliċi
Tfejjaq ġerħa ta' mument.

Jew kelma ħelwa w safja
Mitqala b'ħafna sabar,
Tfarraġ il-qalb imbenġla
Fiha tant sliem jitkattar.

U hekk f'mixjet l-istorja
Dan kollu fis-skiet jidwi,
Hekk jissarraf b'wisq għaqal
In-nar li hemm fik jikwi.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.